Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 484/2010

**Louis Magri (KI 331447M), Anthony Magri (KI 447548M), Emmanuel *sive* Noel Magri (KI 35957M) u BJM Limited ġja' LTNS Company Limited (C-8621) (appellati)**

**Vs**

**Stephen Magri (ID 409560M) (appellant)**

28 ta' Marzu, 2017.

1. L-atturi ħarrku lill-konvenut sabiex iħallashom is-somma ta' €5,026.35, bħala sehemu mill-ispejjeż ġudizzjarji fil-kawżi 88/91, 701/91, u 1197/91 deċiżi mill-Prim'Awla fis-27 ta' Frar 2009, kif ukoll sehemu minn kont tat-taxxa fir-rigward tal-kumpannija BJM Limited ġja LTNS Company Limited.

2. Il-konvenut ikkontestat t-talba tal-atturi bħala li ma kellha ebda bażi legali jew fattwali li b'xi mod timplika responsabbilta li jħallas l-ammont mitlub.

3. B'sentenza tas-26 ta' Jannar, 2015 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqat it-talba tal-atturi, wara li qalet:

   *"Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-intimat jisħaq illi dak miltub ma huwiex minnu dovut peress illi "ma hemm ebda bażi legali jew fattwali li b'xi mod timplika responsabbilta' tal-esponenti għall-ħlas tas-somma miltuba."*

   *Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, fil-ftehim illi l-partijiet għamlu quddiem in-Nutar John Hayman fl-4 ta' Awissu 1999 (fol 92), kien hemm miftiehem, bl-aktar mod ċar u limpidu, illi "kwalsiasi spejjeż, taxxi, piżijiet u profitti" relatati man-negozji tagħhom sa l-aħħar ta' Awissu 1999 "għandhom jiġu sopportati, diviżi u perċepiti b'mod ugwali bejniethom".*

   *Il-Qorti tikkontendi illi l-kliem ma setgħux ikunu aktar ċari minn daqshekk, u għalhekk kwalsiasi interpretazzjoni illi l-intimat pprova jagħti tul il-provi tiegħu, bl-ebda mod ma jistgħu jiċħdu l-fatt illi huwa kien obbliga ruħu illi jipparteċipa fid-djun u profitti illi n-negozji li kellhom flimkien il-partijiet relatati ma negozji li għamlu sa l-aħħar ta' Awissu 1999.*

   *Jirriżulta ben ċar illi l-pendenzi relatati mal-kumpanniija estera Playboy Enterprises International Inc kienu negozji kienu saru qabel l-aħħar ta' Awissu 1999, u kienu riżultat ta' proċeduri ċivili illi ttieħdu fis-sena 1991, meta ċertament l-intimat kien parti mill-operat tal-kumpannija LTNS Company Limited, illum BJM Limited.*

   *Jirriżulta ben ċar ukoll illi l-kont tat-taxxa tal-istess soċjeta LTNS Company Limited, illum BJM Limited, kien jirrisali għall-periodu ta' operazzjoni tal-istess soċjeta meta l-intimat kien parti mill-operat tal-istess soċjeta'.*

*L-argumentazzjoni imressqa mill-intimat illi t-trasferiment eventwali tal-isħma wassal sabiex kwalsiasi somma dovuta tiġi saldata b'tali transferiment ma jsibx konfort fid-dokumentazzjoni esebita mill-intimat u kien sta għall-intimat jipprova li attwalment dak dovut minnu kien saldat bit-trasferiment tal-isħma. Dana ma jirriżulta bl-ebda mod ippruvat.*

*Madanakollu, ġie ben ippruvat illi l-intimat kien obbliga ruħu li jipparteċipa fit-telf jew profitti illi n-negozji u l-operat tagħħom iġġenera sa l-aħħar ta' Awissu 1999.*

*Peress illi dak mitlub jirrelata ma' negozji bejn il-partijiet esistenti sal-aħħar ta' Awissu 1999, jirriżulta ben ippruvat illi tali eċċezzjoni imqajjma mill-intimat ma treġix.*

*Finalment, it-tielet eċċezzjoni imqajjma mill-intimat hija illi kien huwa li kellu jieħu mingħand l-atturi.*

*Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi għalkemm l-intimat għamel tali allegazzjoni, huwa la għamel kontro talba għal dak minnu mitlub u wisq anqas ma għamel ebda azzjoni ġudizzjarja oħra sabiex jitlob dak minnu pretiż.*

*Apparti minn hekk, il-Qorti tosserva illi l-bażi ta' tali eċċezzjoni hija assunzjonijiet illi qiegħed jagħmel l-intimat u li għalihom huwa ma ressaq ebda prova konkreta dwar dan.*

*Għalhekk, dina l-aħħar eċċezzjoni ma tirriżultax ippruvata lanqas.*

*Konkluzjoni:*

*Il-Qorti:*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti*

*Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet*

*Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-każ billi*

*Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat*

*Tilqa t-talbiet attriċi kif dedotti, u għalhekk*

*Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' ħamest elef u sitta u għoxrin Euro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€5,026.35) kif aħjar deskritti fir-rikors promotur.*

*L-ispejjeż tal-proċeduri odjerni u ta l-ittra uffiċjali esekuttiva tal-5 ta' Novembru 2009 ikunu a kariku tal-intimat.*

*L-imgħax fuq is-somma dovuta hija kalkolabbli mid-data tal-Ittra Uffiċjali eżekuttiva sad-data tal-pagament effettiv".*

4. Il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravji huma :

i. Il-ftehim tal-4 ta' Awissu, 1999 li sar quddiem in-nutar John Hayman ma kienx ftehim ta' qsim ta' negozju, li kien isir taħt kumpanniji u soċjeta *en nom collectif*. Ladarba m'hemmx prova li sar il-qsim u fil-fatt il-qsim qatt ma sar, allura it-talba tal-atturi kellha tiġi miċħuda. Dak li kien seħħ kien biss trasferiment ta' ishma f'kumpanniji li kienu tal-aħwa Magri. Li kieku sar il-qsim tan-negozju allura kienu japplikaw id-disposizzjonijiet ta' Parti IX tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386).
ii. Fil-kawżi li jissemmew fir-rikors promotur, il-konvenut ma ġiex kundannat sabiex iħallas spejjeż u lanqas ma kien parti fil-kawża. Għaldaqstant, is-sentenzi li ngħataw

m'għandhomx effett kontra tiegħu. Jingħad ukoll li ma sar l-ebda ħlas bi dritt ta' surroga.

iii. Fir-rigward tal-kont tat-taxxa, jingħad ukoll li l-konvenut qatt ma ta l-kunsens tiegħu sabiex isir il-ħlas.

iv. Fl-aħħarnett il-konvenut argumenta wkoll li fil-konfront tas-socjeta BJN Company Limited, ma kellu l-ebda obbligazzjoni fil-konfront tagħha.

5. L-atturi wieġbu fejn taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

6. Mis-sentenza tal-ewwel qorti hu evidenti li r-raġuni għalfejn laqat it-talba tal-atturi hi minħabba dak li jingħad fil-ftehim li ffirmaw il-partijiet fl-4 ta' Awissu, 1999 (fol. 92). Fih jissemmew in-negozji li l-aħwa Magri kellhom flimkien, Magri and Zammit *en nom collectif*, Sinatra Company Limited u f'kumpanniji oħra u f'isimhom personali, u jingħad:-

*"Illi peress li huma qegħdin proċess ta' qsim ta' negozji bejniethom, huma jaqblu illi din il-likwidazzjoni għall-fini ta' accounts bejniethom għandha tkun b'effett mill-ewwel ta' Settembru tas-sena kurrenti (1999) u għalhekk jaqblu li kwalsiasi spejjeż, taxxi, piżijiet u profitti relattivi għall-istess negozji bejniethom, kif ukoll l-ispejjez tal-istess likwidazzjoni u dan sal-aħħar ta' Awissu 1999 għandhom jiġu sopportati, diviżi u perċepiti b'mod ugwali bejniethom".*

7. L-ispejjeż ġudizzjarji huma relatati ma' tlett kawżi li kellha l-kumpannija LTNS Company Limited. Proċeduri[1] li nbdew fis-sena 1991, fi zmien meta l-aħwa Magri kienu kollha azzjonisti u diretturi tal-kumpannija. Proċeduri li ngħaqlu permezz ta' tlett sentenzi li ngħataw fis-27 ta' Frar, 1999, li pero' kienu pendenti sa minn qabel ġie ffirmat il-ftehim tal-4 ta' Awissu 1999. F'din il-kumpannija kull wieħed mill-aħwa Magri kellu 150 sehem (ara dokumenti a fol. 140 et seq). Jirriżulta wkoll li fl-4 ta' Awissu 1999 sar *share transfer* ta' 150 mingħand Noel Magri lil Louis Magri, u 150 sehem mingħand Stephen lil Anthony Magri.

8. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-konvenut, il-kontendenti qasmu n-negozju li kellhom flimkien u li kienu jmexxu permezz ta' kumpanniji. Dan sar permezz ta' *share transfers* fid-diversi kumpanniji li fihom kienu lkoll azzjonisti. Dan kien il-metodu li huma għażlu fil-proċess ta' qsim tan-negozju. Il-kontendenti ma kellhom l-ebda obbligu li jaqsmu n-negozju billi jagħmlu qsim tal-kumpanniji bil-mod li jingħad fl-artikoli 360 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) *et seq*. Il-liġi ma tikkontemplax xi proċess mandatorju dwar il-mod kif għandu jinqasam negozju. Kien il-konvenut stess li waqt il-kontro-eżami xehed:

*"Fuq domanda tal-Qorti jiena nixtieq ngħid illi l-ftehim tal-4 ta' Awissu 1999 kien intqal illi kien għaddej il-proċess ta' qsim ta' negozji bejnietna l-erbgħa aħwa, u* ***nfatti nista' nikkonferma illi sussegwentement in-negozji ġew diviżi bejnietna permezz ta' share transfers****. Jien hadt kumpannija u huma ħadu kumpanniji oħra".*

Rilevanti wkoll li d-data tal-ftehim hi l-4 ta' Awissu 1999 hi d-data meta saru t-trasferimenti tal-ishma fil-kumpanniji varji li kellhom l-aħwa Magri. Dak il-ftehim kien parti ntegrali mill-qsim tan-negozju li sar fl-istess gurnata permezz ta' trasferiment ta' ishma fil-kumpanniji. Għalhekk il-ftehim tal-4 ta' Awissu 1999 kien *part and parcel*

[1] 1) Dr David Tonna vs Louis Magri nomine (88/91); 2) Louis Magri nomine vs Dr David Tonna nomine (701/91); u 3) Dr David Tonna nomine vs Louis Magri nomine (1197/91).

mat-trasferiment tal-ishma. Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-qorti li l-konvenut ma kienx fidil lejn il-verita meta fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2014 (fol. 178) qal li wara l-ftehim, *"Aħna* ***mbagħad*** *konna morna għand l-awditur u dan qalilna illi l-aħjar mod kif stajna nimxu hija billi nagħmlu share transfer u hekk infatti għamilna"*. L-affarijiet ma sarux hekk għaliex is-share transfers u l-ftehim kienu ffirmati fl-istess ġurnata.

Ir-riferenza għas-sentenza 1617/2001 fl-ismijiet **Louis Magri et vs Emmanuel Magri et** tas-26 ta' Ġunju, 2009 lanqas ma tista' tgħin lill-konvenut, ġialadarba dik il-kawza kienet bażata fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Għalkemm datat ukoll 4 ta' Awissu 1999, dak il-kuntratt m'huwiex oġġett ta' dawn il-proċeduri.

Fiċ-ċirkostanzi kuntrarjament għal dak li jsostni l-konvenut fir-rikors tal-appell, minkejja t-trasferiment tal-ishma l-aħwa Magri xorta kienu obbligati li jippartecipaw fl-ispejjeż u taxxi, u dan skont il-ftehim tal-4 ta' Awissu 1999. Kawzi li kienu ntavolati qabel il-ftehim li sar fl-4 ta' Awissu, 1999 u ghalhekk kien hemm il-*commitment* ghal dawk l-ispejjez sa qabel il-cut off date li tissemma fl-imsemmi kuntratt u l-akkwirent tal-ishma semplicement kompla dawk il-proceduri sakemm inghatat sentenza.

9. Għal dak jirrigwarda l-kont tat-taxxa tal-istess kumpannija, il-konvenut xehed:

*"(....) qatt ma tajt il-kunsens tiegħi biex dawn jitħallsu u li jien kont ser inbaghti xi parti minnhom personalment. Jien kien deherli li dan l-ammont jien ma kellix x'naqsam miegħu".*

Il-kont jirrigwarda bilanċ ta' taxxa li kienet dovuta sas-sena ta' stima 1998. It-taxxa totali li talab il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kienet €8,806 iżda fil-kont jingħad ukoll li jekk il-ħlas isir sal-15 ta' Jannar 2010, l-ammont dovut kien ta' €6,604. Fil-fatt l-atturi ahwa Magri hallsu l-iżgħar ammont. In kontro-eżami l-konvenut qal ukoll li kien akkumpanja lill-ħuħ għand id-Dipartiment;

*"Jien kont mort peress illi kien irċieva dan il-kont, kien staqsieni x'inhu, u kien talabni jekk stajtx immur miegħu d-Dipartiment tat-Taxxi Interni biex nieħdu parir mingħand xi ħadd minn hemm ġewwa biex naraw x'hemm u x'ma hemmx.*

*Li persuna li kien hemm hemmhekk kien infurmana illi dana l-kont kellu jitħallas.* ***Mitlub ngħid jiena jekk kontx aċċettajt illi nħallas jien ukoll is-sehem tiegħi ta' dan il-kont, ma niftakarx jekk dakinhar lili kien staqsieni jekk kellix inħallas sehmi jew le****"* (fol. 179).

Fil-fehma tal-qorti x-xhud kien evażiv fit-tweġiba għad-domanda jekk kienx aċċetta li jħallas sehemu mill-kont, billi qal li ma kienx jiftakar jekk dakinhar ħuħ talbux iħallas sehemu mill-kont. Dan m'huwiex il-mod kif kellu jwieġeb ġialadarba d-domanda ma kinitx xi staqsieh jagħmel ħuħ imma jekk kienx aċċetta li jħallas sehemu. Inoltre, sabiex jitħallas il-kont tat-taxxa ma kienx hemm bżonn li l-konvenut jagħti l-kunsens tiegħu. Id-dejn kien jeżisti u għalhekk għamlu l-atturi aħwa Magri għamlu sew li ħallsu. F'kull każ Louis Magri kkonferma li l-konvenut kien qallu li l-kont kellu jitħallas (fol. 112).

Il-konvenut semma wkoll li qatt ma saret il-likwidazzjoni li tissemma fil-ftehim tal-4 ta' Awissu 1999 (fol. 93). Hu evidenti li l-likwidazzjoni li hemm riferenza ghaliha hi fil-fatt il-qsim tan-negozju, li saret bit-trasferiment tal-ishma.

Il-ftehim iffirmat fl-4 ta’ Awissu, 1999 ma jħalli l-ebda dubju li l-konvenut għandu jħallas sehemu minn dan il-kont tant hu hekk li fih jissemmew taxxi sal-aħħar ta’ Awissu 1999. Il-kont li ħallsu l-atturi aħwa Magri jirreferi ghall-perjodu qabel Awissu 1999 u għalhekk hu milqut minn dak il-ftehim.

10. Il-konvenut argumenta li l-ftehim tal-4 ta’ Awissu, 1999 tant ma japplikax li meta kien hemm każ simili dwar ħlas ta’ taxxa li jirrigwarda l-kumpannija Sinatra Ltd, la hu u lanqas Emanuel Magri ma deherilhom li kellhom jitolbu l-ħlas mingħand ħuthom l-oħra. Pero’ l-qorti kienet mitluba tiddeċiedi dwar il-pretensjoni tal-atturi u mhux pretensjoni li ma tifformax il-meritu tal-kawża. F’kull kaz dik m’hijiex xi prova li tista’ twassal lill-qorti biex tiskarta dak li ftehemu l-aħwa Magri fil-kuntratt tal-4 ta’ Awissu 1999. F’dan ir-rigward ukoll m’għandha xejn x’iżid ma’ dak li qalet l-ewwel qorti fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni.

11. Fir-rikors tal-appell l-appellant semma wkoll li fir-rigward tal-pagamenti ma saret l-ebda surroga. L-atturi ħarrku lill-konvenut a bażi tal-ftehim li ffirmaw fl-4 ta’ Awissu 1999.

12. Dwar l-aħħar aggravju, peress li l-atturi bbażaw it-talbiet fuq il-ftehim tal-4 ta’ Awwissu, 1999 li fih ma kinitx parti s-soċjeta attriċi, ma kellhiex jedd tħarrek lill-konvenut. Għalkemm il-ħlasijiet kienu kollha jirrigwardaw dejn ta’ BJM Limited, pero’ mill-provi rriżulta li l-ħlas ma sarx minnha iżda mill-atturi l-oħra. Għalkemm l-atturi argumentaw li dan il-fatt ma ppreġudikax lill-konvenut, jibqa’ l-fatt li m’huwiex debitur tagħha.

**Għal dawn il-motivi tilqa’ biss parzjalment l-appell tal-konvenut u dan biss sa fejn jirreferi għas-soċjeta attrici. Għaldaqstant:-**

- **i. Tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta’ Jannar, 2015 billi għar-raġuni fuq mogħtija tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju għal dak li jikkonċerna t-talba tas-soċjeta attriċi, u s-socjeta attrici għandha taghmel tajjeb ghall-ispejjeż tagħha u 10% tal-ispejjeż tal-konvenut.**
- **ii. Tiċħad l-appell tal-konvenut in kwantu dan sar fil-konfront ta’ Louis, Anthony u Noel aħwa Magri u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti.**
- **iii. Spejjeż tal-appell jinqasmu fis-sens li s-soċjeta attriċi tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha u 10% tal-ispejjeż tal-konvenut, filwaqt li spejjeż tal-atturi l-oħra huma a karigu tal-konvenut.**

Anthony Ellul.